IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2021
COM(2021) 647 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2021/555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

1. INTRODUZZJONI

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE 2020-2025 kontra t-traffikar tal-armi tan-nar[1] adottat f'Lulju 2020 jindika l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar bħala prijorità ewlenija, u l-Aġenda Kontra t-Terroriżmu ta' Diċembru 2020[2] ikkonfermat dan.

Dan ir-rapport jipprovdi valutazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (minn hawn' il quddiem id-"Direttiva dwar l-Armi tan-Nar"), kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tagħha wara l-aħħar emenda tagħhafl-2017[3]. Sadanittant, id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar u l-emendi sussegwenti tagħha ġew sostitwiti u mħassra mid-Direttiva (UE) 2021/555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021, u kodifikati fiha[4]. F'ġieħ iċ-ċarezza, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, in-numerazzjoni tal-artikoli msemmija fir-rapport tirreferi għan-numri tad-Direttiva (UE) 2021/555 bħalissa fis-seħħ.

Skont l-Artikolu 17 (issa 24), ir-rapport għandu jeżamina b'mod partikolari l-kategoriji tal-armi tan-nar u l-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tas-sistema għall-Pass Ewropew tal-armi tan-nar, l-immarkar u l-impatti ta' teknoloġiji ġodda bħall-istampar 3D, l-użu tal-kodiċi QR u l-użu tal-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID). Kif imħabbar mill-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025,[5] dan ir-rapport jidentifika wkoll il-mezzi inizjali għat-titjib tal-qafas legali. Fit-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni qagħdet primarjament fuq il-miżuri ta' traspożizzjoni nnotifikati mill-Istati Membri, kif ukoll fuq informazzjoni disponibbli pubblikament.

Barra minn hekk, f'Novembru 2019, il-Kummissjoni ċċirkolat lill-Istati Membri kwestjonarju dettaljat li jittratta s-suġġetti msemmija fl-Artikolu 17 (issa 24), li għalih wieġbu 19-il Stat Membru. Il-Kummissjoni ppreżentat sommarju ta' dawn it-tweġibiet matul il-laqgħa tal-Kumitat tal-Armi tan-Nar fit-18 ta' Diċembru 2019 u kellha diskussjonijiet preliminari fil-Kumitat fuq dik il-bażi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tipparteċipa b'mod attiv fil-prijorità tal-Armi tan-Nar tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali[6] (minn hawn' il quddiem "il-Pjattaforma tal-Armi tan-Nar") u fil-Grupp Ewropew ta' Esperti dwar l-

---

1 COM(2020) 608 final

2 COM(2020) 795 final

3 ĠU L 137, 24.05.2017 p.22-39

4 ĠU L 115, 6.4.2021, p. 1-25

5 COM(2021) 170 final

6 EMPACT (https://www.consilium.europa.eu/es/documents-publications/publications/empact/) hija pjattaforma li tippermetti l-kooperazzjoni strutturata bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, id-dwana, l-awtoritajiet tat-taxxa, il-maġistrati tal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji Ewropej u, fejn rilevanti, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-settur privat f'ċikli operazzjonali ta' erba' snin.

Armi tan-Nar,[7] li għen biex jiġu identifikati t-theddidiet kurrenti u potenzjali tal-armi tan-nar u l-impatt fuq l-attività kriminali.

Madankollu, minħabba dewmien kbir fit-traspożizzjoni fil-livell nazzjonali[8], il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq valutazzjoni sħiħa tal-konformità tal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

F'Lulju 2020, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità ppubblika Dokument dwar Kwistjonijiet intitolat "Traffikar Illeċitu ta' Armi tan-Nar, il-Partijiet, il-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom lejn, minn u madwar l-Unjoni Ewropea", li jipprovdi konsiderazzjonijiet importanti u rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar it-theddid kurrenti u l-lakuni legali fil-kontroll tal-armi tan-nar fil-livell globali[9].

2. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR L-ARMI TAN-NAR

Id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar tirregola l-akkwist, il-pussess u l-iskambju kummerċjali fl-UE ta' armi tan-nar ċivili (eż. armi tan-nar użati għall-isparar sportiv u l-kaċċa). Hija tistabbilixxi standards minimi komuni, li l-Istati Membri kollha għandhom jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar l-armi, u għandha l-għan li tibbilanċja l-objettivi tas-suq intern (jiġifieri l-moviment transfruntier tal-armi tan-nar) u l-objettivi tal-politika ta' sigurtà (jiġifieri l-livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni kontra atti kriminali u t-traffikar illeċitu) fl-UE. Din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, peress li hija parti mis-sett komuni ta' regoli tal-UE li jippermettu l-moviment liberu tal-persuni.

Id-Direttiva ġiet riveduta wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-manifattura illeċita tal-armi tan-nar (il-Protokoll dwar l-Armi tan-Nar) fl-2005[10] u mbagħad fl-2017, wara l-attakki terroristiċi tal-2015.


---

7 Sottogrupp tal-grupp ta' ħidma dwar l-infurzar tal-liġi (LEWP), fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. https://www.consilium.europa.eu/mt/council-eu/preparatory-bodies/law-enforcement-working-party/

8 Il-Kummissjoni fetħet proċedimenti ta' ksur minħabba nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar kontra 25-il Stat Membru u kontra 20-il Stat Membru għal żewġ Direttivi ta' Implimentazzjoni dwar l-immarkar u l-armi tal-allarm u tas-sinjal - ara t-taqsima 2.2 għal aktar dettalji

9 In-Nazzjonijiet Uniti, Vjenna, 2020. https://www.unodc.org/documents/firearms-protocol/2020/UNODC-EU-Report-A8_FINAL.pdf

10 Trasposta fl-ordni ġuridiku tal-UE bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/164/UE tal-11 ta' Frar 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll kontra l-Iffabbrikar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (ĠU L 89, 25.3.2014, p. 7).



Rappreżentazzjoni viżiva tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar

2.1. Kompiti tal-Kummissjoni

Id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta kemm atti ta' implimentazzjoni kif ukoll atti delegati. Għalhekk, mid-dħul fis-seħħ tagħha, il-Kummissjoni adottat:

1. Fil-5 ta' Marzu 2018 (skont l-Artikolu 15(2)), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/337, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2403, li jistabbilixxi **linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni** biex jiġi żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jsiru inoperabbli irreversibbilment.
2. Fis-16 ta' Jannar 2019 (skont l-Artikolu 4(3)), id-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/68, li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-immarkar tal-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ara t-taqsima 5.4.2).
3. Fis-16 ta' Jannar 2019 (skont l-Artikolu 14(3)), id-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/69, li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi tal-allarm u tas-sinjal skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi.
4. Fis-16 ta' Jannar 2019 (skont l-Artikoli 18(4) u 21(5)), ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/686, li jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE għall-i**skambju sistematiku, b'mezzi elettroniċi, ta' informazzjoni relatata mat-trasferiment ta' armi tan-nar** fl-Unjoni. (ara t-taqsima 5.4.1)
5. Fil-21 ta' Mejju 2021, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1423 dwar **ir-rifjuti li jingħataw awtorizzazzjonijiet għall-akkwist jew il-pussess ta' ċerti armi tan-nar**.
6. Żewġ proġetti pilota għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva fir-rigward taż-żewġ Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni ta' hawn fuq (skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 li jirregola s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern)

2.2. Traspożizzjoni tad-Direttiva u tal-leġiżlazzjoni sekondarja mill-Istati Membri.

Id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar kif emendata fl-2017 kellha tiġi trasposta sal-14 ta' Settembru 2018, minbarra l-Artikolu 4(4) dwar ir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tan-negozjanti u tas-sensara tal-armi u l-Artikolu 4(5) dwar l-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema kompjuterizzata tal-filing tad-*data*, li kellha tiġi trasposta sal-14 ta' Diċembru 2019.

F'Lulju 2019, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lil 20 Stat Membru fir-rigward tal-ewwel skadenza,[11] u fl-24 ta' Jannar 2020 bagħtet ittri ta' avviż formali lil 17-il Stat

[11] Kollha ħlief AT, BG, FR, LV, MT.

Membru[12] fir-rigward tat-tieni skadenza, talli naqsu milli jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali.

L-iskadenza għat-traspożizzjoni taż-żewġ Direttivi ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immarkar u għall-armi tal-allarm u tas-sinjal kienet fis-17 ta' Jannar 2020. Fit-28 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni fetħet każijiet ta' ksur kontra 19-il Stat Membru (dwar l-immarkar)[13] u 17-il Stat Membru (għall-armi tal-allarm u tas-sinjal)[14].

Mill-15 ta' Awwissu 2021, kien hemm 80 każ ta' ksur pendenti relatati mad-Direttiva dwar l-armi tan-nar u l-leġiżlazzjoni sekondarja. Dawn il-każijiet kollha kienu relatati man-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni. Sadanittant, il-Kummissjoni rċeviet notifiki ta' traspożizzjoni sħiħa minn diversi Stati Membri. Għalhekk huwa mistenni li fix-xhur li ġejjin se jingħalqu bosta każijiet.

Il-Kummissjoni wettqet il-kontroll tat-traspożizzjoni u analizzat jekk l-Istati Membri ttrasponewx kompletament il-liġi tal-Unjoni fis-sistemi legali tagħhom, inklużi l-Istati Membri, li nnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali fil-ħin. Il-Kummissjoni eżaminat ukoll miżuri mhux notifikati biex tivvaluta l-kompletezza tat-traspożizzjoni.

Il-valutazzjoni inizjali deskritta hawn taħt tiffoka fuq l-aktar bidliet importanti għad-Direttiva introdotta fl-2017 u ż-żewġ Direttivi ta' implimentazzjoni fl-2019.

L-Artikolu 1 tad-Direttiva jinkludi 15-il**definizzjoni**, li minnhom 5 huma kompletament ġodda u oħrajn ġew aġġornati. Huma notevolment jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv (eż. armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tas-salut u akustiċi), u l-kamp ta' applikazzjoni personali (eż. kolletturi, mużewijiet, sensara) tad-Direttiva jiġu applikati b'mod konsistenti madwar l-UE.

Tnejn u għoxrin Stat Membru ttrasponew id-definizzjonijiet kollha (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija), tliet Stati Membri ttrasponew biss parti mid-definizzjonijiet (in-Netherlands, l-Iżvezja u s-Slovakkja) u żewġ Stati Membri ma nnotifikaw l-ebda miżura ta' traspożizzjoni (il-Lussemburgu u s-Slovenja).

Id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar introduċiet dispożizzjonijiet ġodda dwar l-attivitajiet tan-**negozjanti u s-sensara** (l-Artikoli 1(1), 4(4), 4(5) u 13(2)). L-Istati Membri kollha minbarra tlieta (id-Danimarka, il-Lussemburgu u s-Slovenja) ittrasponew id-dispożizzjonijiet kollha.

L-Artikoli 4(1) u 4(2) emendaw b'mod sostanzjali r-regoli dwar l-**immarkar**. L-Istati Membri kollha minbarra tnejn (il-Lussemburgu u s-Slovenja) ittrasponew id-dispożizzjonijiet kollha.

Barra minn hekk, 18-il Stat Membru ttrasponew id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/68 relatati mal-immarkar (l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-

[12] Kollha ħlief IT, HR, BG, LV, LT, MT, NL, AT, PT, RO u FI.

[13] Kollha ħlief DK, EE, FR, LT, LV, MT, NL, PT u SK.

[14] Kollha ħlief AT, BE, DE, DK, EE, FR, LT, LV, MT, PT u SK.

Kroazja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovakkja), u 9 Stati Membri ma nnotifikaw l-ebda miżura jew it-traspożizzjoni mhijiex kompluta (il-Bulgarija, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja u s-Slovenja).

L-Artikoli 4(5) u 18(4) tar-reviżjoni tal-2017 tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar jtejbu l-kwantità u l-kwalità tar-rekords miżmuma fis-**sistemi ta' filing tad-*data* kif ukoll tal-iskambju ta' informazzjoni** mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u bejniethom. Tlieta u għoxrin Stat Membru ttrasponew bis-sħiħ dawk id-dispożizzjonijiet (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja u s-Slovakkja), u erba' Stati Membri ma nnotifikaw l-ebda miżura jew it-traspożizzjoni mhijiex kompluta (id-Danimarka, l-Irlanda, il-Lussemburgu u s-Slovenja).

L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar jistabbilixxi regoli aktar stretti dwar l-armi tan-nar l-aktar perikoluża, billi jġibhom fil-**kategorija A**, fejn dawk l-armi tan-nar, b'xi eċċezzjonijiet limitati u debitament motivati, ma jitħallewx jiġu akkwistati, posseduti jew kummerċjalizzati. L-Istati Membri kollha minbarra tnejn (il-Lussemburgu u s-Slovenja) ittrasponew l-Artikolu 9(1).

Id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar aġġornat diversi artikoli relatati mal-**Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar**, inkluż id-definizzjoni, l-obbligu li tiġi inkluża dikjarazzjoni fil-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar u li l-Istati Membri l-oħra jiġu infurmati meta arma tal-kategorija B jew C tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita. L-Istati Membri kollha minbarra tnejn (il-Lussemburgu, u s-Slovenja) ittrasponew id-dispożizzjonijiet kollha.

Xi **armi tal-allarm u tas-sinjal** jistgħu faċilment jiġu kkonvertiti f'armi tan-nar letali b'għodod sempliċi u b'għarfien minimu. Dan il-*modus operandi* ġie identifikat bħala theddida partikolari mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni[15], li wassal għall-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda fid-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar (l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 14 u l-Anness I). L-Istati Membri kollha minbarra erbgħa (il-Lussemburgu, l-Iżvezja, is-Slovenja u s-Slovakkja) ittrasponew id-dispożizzjonijiet kollha.

Tlettax-il Stat Membru ttrasponew id-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/69 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi tal-allarm u tas-sinjal (l-Awstrija, Ċipru, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, il-Portugall u s-Slovakkja), u 14-il Stat Membru ma nnotifikaw l-ebda miżura ta' traspożizzjoni jew it-traspożizzjoni mhijiex kompluta (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja u s-Slovenja).

L-Armi tas-Salut u Akustiċi huma armi tan-nar oriġinalment letali li ġew modifikati b'tali mod li ma jistgħux jskargaw projettili, iżda biss dawriet inbjank ta' munizzjon.

[15] Mill-2016 sal-2020, 15 949 arma tal-allarm u tas-sinjal tal-marki Ekol, Zoraki u Bruni ġew issekwestrati mill-Istati Membri, il-biċċa l-kbira tagħhom fil-pjattaforma tal-Armi tan-Nar, bil-kontribut tal-Europol.

Peress li l-modifiki tipikament isiru biss fiċ-chamber u l-kanna, kwalunkwe persuna b'għarfien minimu u għodod komuni tista' tikkonvertihom lura illegalment f'armi tan-nar letali. Ir-reviżjoni tal-2017 tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar indirizzat ukoll din it-theddida, billi żgurat li jibqgħu fil-kategorija oriġinali tagħhom (l-Artikolu 1(1) u l-Anness I). L-Istati Membri kollha minbarra ħamsa (il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Iżvezja, is-Slovenja u s-Slovakkja) ittrasponew id-dispożizzjonijiet kollha.

L-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar, mill-2017 jipprevedu regoli ġodda dwar l-**armi tan-nar diżattivati**, b'mod partikolari billi jiġu soġġetti għal dikjarazzjoni, u regoli speċifiċi għall-verifika, l-immarkar u t-trasferimenti tagħhom.

L-Istati Membri kollha minbarra tlieta (il-Lussemburgu, l-Iżvezja u s-Slovenja) ittrasponew id-dispożizzjonijiet kollha.

Mill-15 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li 10 Stati Membri biss lestew it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet analizzati f'dan ir-rapport u li jirrappreżentaw il-bidliet ewlenin introdotti mid-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar fl-2017 u ż-żewġ Direttivi ta' Implimentazzjoni (l-Awstrija, Ċipru, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja u l-Portugall), 15-il Stat Membru ma ttrasponewx xi wħud mid-dispożizzjonijiet (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Greċja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja u s-Slovakkja) u żewġ Stati Membri ma nnotifikaw l-ebda miżura (il-Lussemburgu u s-Slovenja).

Il-valutazzjoni inizjali deskritta hawn fuq hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni fi proċedimenti ta' ksur li jkunu għaddejjin jew futuri. Lanqas ma tammonta għal sentenza dwar il-valutazzjoni tal-konformità tal-liġijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni, li l-Kummissjoni għadha trid tlesti. Fil-fażi inizjali tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni diġà identifikat każijiet ta' traspożizzjoni inkorretta f'diversi Stati Membri.

Il-Kummissjoni għalhekk se żżid il-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri, u se tagħmel użu sħiħ mis-setgħat mogħtija lilha mit-Trattat kull meta jkun meħtieġ.

3. IFFUKAR FUQ KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI

3.1. Kategoriji ta' armi.

3.1.1. Kwistjonijiet ġenerali ta' kategorizzazzjoni

L-analiżi tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet, li jirrappreżentaw l-aktar bidliet importanti għad-Direttiva introdotta fl-2017, tirrifletti l-isfidi kumplessi tat-traspożizzjoni ta' xi definizzjonijiet, tal-kategoriji tal-armi tan-nar fl-Anness I u tal-eċċezzjonijiet multipli riflessi f'diversi artikoli tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar.

Id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar żiedet armi tan-nar ġodda mal-lista ta' armi pprojbiti (il-kategorija A). Fl-istess ħin, hija introdućiet lista twila ta' eċċezzjonijiet għal din il-projbizzjoni, u ppreżentat dawk l-armi tan-nar għal awtorizzazzjoni f'ċirkostanzi definiti sew.

Barra minn hekk, l-armi tal-allarm u tas-sinjal mhumiex meqjusa bħala armi tan-nar, peress li huma meqjusa li "ma jistgħux jiġu konvertiti", filwaqt li l-armi tan-nar diżattivati jibqgħu soġġetti għal dikjarazzjoni. Barra minn hekk, l-armi tan-nar li huma konvertiti f'armi tas-salut u akustiċi b'mod li permanentament ma jkunux jistgħu jisparaw projettili jibqgħu kklassifikati fil-kategorija oriġinali tagħhom, minkejja l-fatt li jistgħu jkunu sikuri daqs armi tal-allarm u tas-sinjal ġenwini.

Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi osservaw żieda f'daqqa fil-qbid ta' armi airsoft (sparar ta' pellets tal-plastik imbuttati b'gass kompressat) konvertiti biex jisparaw munizzjon. Għalkemm tali armi huma rregolati bħala armi tan-nar f'diversi Stati Membri tal-UE, bħalissa huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta l-impatt tal-kjarifika tad-distinzjoni bejn l-armi tan-nar ipprojbiti u l-armi tan-nar soġġetti għal awtorizzazzjoni, biex jiġi żgurat li wieħed jista' jkollu armi tan-nar ipprojbiti f'każijiet eċċezzjonali ħafna biss. Valutazzjoni potenzjali tista' tiżgura wkoll li **l-armi kollha, li mhumiex tajbin biex jisparaw projettili** (jew wara d-diżattivazzjoni jew inkella permezz tal-manifattura tagħhom) iżda li jistgħu jiġu kkonvertiti biex jisparaw projettili b'għodod u għarfien speċjalizzati, tal-anqas ikunu soġġetti għal dikjarazzjoni.

3.1.2. Armi tan-nar li jisparaw munizzjon ta' kalibru żgħir "Flobert"

Il-munizzjon Flobert u armi relatati ġew żviluppati fis-seklu19 għall-isparar ġewwa. Dawn jisparaw tappijiet tal-perkussjoni mimlijin bi projettili żgħira u b'ammont żgħir ta' porvli. Il-munizzjon Flobert huwa kkaratterizzat minn pressjoni relattivament baxxa u veloċità tal-muzzle u daż-żmien huwa rreklamat bħala arma tan-nar għall-prattika tal-mira.

Xi manifatturi tal-armi tan-nar f'diversi Stati Membri tal-UE[16] bdew jipproduċu xi mudelli tal-armi tan-nar tal-kalibru Flobert. Abbażi ta' informazzjoni u rapporti pprovduti mill-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-EUROPOL, essenzjalment hemm żewġ tipi ta' armi tan-nar, li jistgħu jisparaw munizzjon Flobert. Fid-"disinn klassiku" tagħhom, skont l-istandards tal-verżjonijiet oriġinali tal-armi tan-nar Flobert, il-mekkaniżmu intern u d-disinn tal-kanna ma jistgħux jiġu modifikati biex jisparaw tip ta' kalibru differenti u aktar letali.

Fid-"disinn modern" tagħhom, huma fil-biċċa l-kbira azzarini, snieter, submitraljatriċi u armi tan-nar qosra u l-mekkaniżmu intern tagħhom għadu jista' jispara 9 mm jew kalibru simili. F'dak il-każ, il-kanna biss tiġi mmodifikata bl-installazzjoni ta' kanna interna ġewwa dik oriġinali, tkun imdejqa biex tkun adattata għal munizzjon Flobert ta' 4 jew 6 mm, u wweldjata ma' dik oriġinali mill-muzzle.

Filwaqt li jittieħed vantaġġ mit-traspożizzjoni tardiva jew inkorretta tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar, l-armi tan-nar ta' kalibru letali kategorizzati taħt il-kategorija B jew C xi drabi jiġu kkonvertiti għal kalibru Flobert, fl-Istati Membri fejn dawn it-tipi ta' armi tan-nar għadhom soġġetti għal dikjarazzjoni jew saħansitra kundizzjonijiet inqas restrittivi.

[16] S'issa misjuba fis-Slovakkja u fir-Repubblika Ċeka.

Il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-UE tal-2021,[17] kif ukoll diversi rapporti mill-EUROPOL enfasizzaw it-theddida tal-konverżjoni illegali tad-"disinn modern" tal-armi tan-nar Flobert, li wassal għal eluf ta' sekwestri madwar l-Unjoni Ewropea.

Skont id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar, dawk l-armi huma armi tan-nar, peress li t-tappijiet tal-perkussjoni huma tip ta' propellant kombustibbli. La d-definizzjoni ta' arma tan-nar u lanqas il-kategoriji differenti ma jagħmlu riferiment għad-daqs tal-kalibru jew l-enerġija mill-muzzle, li għalhekk huma kunsiderazzjonijiet irrilevanti biex jiġi ddeterminat jekk arma tan-nar Flobert hijiex arma tan-nar, jew ta' liema kategorija hi.

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri kollha biex jittrasponu kif xieraq id-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar f'dan ir-rigward billi **jikklassifikaw kif xieraq l-armi li jistgħu jisparaw il-munizzjon Flobert bħala armi tan-nar skont l-Anness I tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar.**

3.1.3. Armi tan-nar antiki

L-armi tan-nar li potenzjalment jistgħu jikkwalifikaw bħala "armi antiki" xi kultant jintużaw f'attivitajiet kriminali, kif muri pereżempju mill-attakk terroristiku tal-2018 fi Strasburgu fejn disa' persuni nqatlu u 11 sfaw midruba. Madankollu, l-Anness I, il-parti III tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar, jipprevedi li oġġetti li huma meqjusa bħala "armi antiki" huma esklużi mid-definizzjoni ta' "armi tan-nar" u għalhekk barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fejn dawn ma ġewx inklużi fil-kategoriji tad-Direttiva u huma soġġetti għal-liġijiet nazzjonali.

Matul il-laqgħa tal-Kumitat tal-Armi tan-Nar tat-18 ta' Diċembru 2019, il-maġġoranza tal-Istati Membri indikaw li huma jkunu favur l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-armi antiki fil-livell tal-UE. Xi wħud minnhom esprimew dubji proprju dwar ir-rilevanza li l-armi tan-nar antiki jiġu eżentati mir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar abbażi tas-sena tal-manifattura tagħhom flok il-kapaċità tagħhom li jikkawżaw ħsara.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-impatt biex **tinkludi l-armi antiki fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva**, sabiex tarmonizza r-regoli fl-Istati Membri kollha.

3.2. Manifattura illeċita – stampar 3D u komponenti nofshom lesti

Stampar 3D, magħruf ukoll bħala manifattura addittiva, "jirreferi għall-proċessi varji użati fil-manifattura ta' prodotti, permezz tad-depożitu jew il-fużjoni ta' materjali saff fuq saff"[18].

[17] SOCTA 2021 UE verżjoni ristretta.

[18] Sors: Digital transformation monitor, The Disruptive nature of 3D printing, Jannar 2017, https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/dem/monitor/sites/default/files/DTM_The%20disruptive%20nature%20of%203D%20printing%20v1.pdf

Il-miġja ta' armi tan-nar li jistgħu jiġu stampati 3D u l-possibbiltà li jintużaw għal skopijiet kriminali wasslu għal dibattitu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tal-armi tan-nar madwar id-dinja, inkluż fl-Unjoni Ewropea.

L-Europol wissiet[19] li l-progress teknoloġiku se jagħmel l-istampar 3D disponibbli b'mod wiesa' fil-futur, u li dan joffri wkoll opportunitajiet għall-produzzjoni illeċita u l-kummerċ tal-armi tan-nar. Fid-9 ta' Ottubru 2019, żewġ persuni inqatlu waqt sparatura f'Halle (il-Ġermanja), bl-awtur tar-reat juża arma magħmula d-dar, abbażi ta' blueprint imniżżel mill-Internet għall-manifattura tal-arma parzjalment bi stampatur 3D[20]. Hemm żieda bil-mod iżda permanenti fl-għadd ta' sekwestri ta' tali tip ta' armi tan-nar, inkluża l-manifattura illegali ta' komponenti essenzjali[21].

It-theddida tal-manifattura illegali tal-armi tan-nar jew tal-komponenti essenzjali bi stampaturi 3D ġejja mill-affordabbiltà relattiva tat-teknoloġija u d-disponibbiltà tal-blueprints fuq l-Internet, inkluż stampar 3D metalliku li qed jorħos,[22] notevolment b'tekniki bħat-tidwib dirett tal-metall permezz ta' laser[23].

Bħalissa, l-aktar theddida perikoluża hija l-manifattura tal-hekk imsejħa armi ibridi tal-istampar 3D, li jiddependu kemm fuq partijiet stampati 3D kif ukoll fuq komponenti disponibbli faċilment li mhumiex regolati globalment, bħal tubi tal-azzar, stokk ta' vireg tal-metall, u molol[24].

L-istampar 3D privat tal-armi tan-nar diġà huwa kopert mill-qafas legali eżistenti, peress li d-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar tapplika bl-istess mod għall-armi tan-nar kollha, kemm jekk stampati 3D kif ukoll jekk le: dawn jistgħu jiġu manifatturati biss minn negozjanti liċenzjati, u huma soġġetti għal restrizzjonijiet, bħal awtorizzazzjoni qabel l-akkwist mill-privat.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtieġa għal regoli speċifiċi dwar il-**pussess u t-traffikar ta' blueprints għall-istampar 3D**, inkluż il-projbizzjoni tal-pussess, il-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' blueprints diġitali u l-kopji stampati tagħhom minn negozjanti tal-armi mhux awtorizzati, li ġew ippruvati li jippermettu l-manifattura ta' komponenti essenzjali tal-armi tan-nar.

---

19 Sors: Triggering Terror - Illicit Gun Markets and Firearms Acquisition of Terrorist Networks in Europe. Ippubblikat fis-17/04/2018, disponibbli fuq: https://vlaamsvredesinstituut.eu/en/report/triggering-terror-illicit-gun-markets-and-firearms-acquisition-of-terrorist-networks-in-europe/; Europol (2015), Exploring tomorrow's organised crime, The Hague: Europol, p. 41.

20 Rapport tal-Europol 2019.RESTRICTED

21 Bulletin EMPACT FIREARMS numri 10 u 12. RISTRETT

22 Sors: https://www.law.kuleuven.be/citip/blog/warning-toner-low-3d-printed-guns-and-the-law/

23 Sors: Metal 3D Printing in Firearms: Real-World Case Studies; Ippubblikat fit-18/01/2018. https://news.3deo.co/metal-3d-printing-firearms-case-studies

24 Sors: ARES. Rapport ta' Riċerka Nru 8. Desktop Firearms: emergent small arms craft production Technologies. Marzu 2020. https://armamentresearch.com/wp-content/uploads/2020/03/ARES-Research-Report-8-Desktop-Firearms.pdf

Barra minn hekk, kemm l-evalwazzjoni tal-2014 tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar[25] kif ukoll il-kontribuzzjonijiet reċenti mill-Istati Membri lill-EUROPOL u l-Pjattaforma tal-Armi tan-Nar[26] issottolinjaw każijiet ta' importazzjoni minn xi pajjiżi mhux tal-UE ta' komponenti essenzjali nofshom lesti (normalment oqfsa tal-polimeru 80 % lesti ta' armi tan-nar tal-idejn jew kanna tal-metall 80 % lesti għal armi tan-nar twal). Dawn mhumiex iddikjarati bħala komponenti essenzjali tal-armi tan-nar u normalment jidħlu fl-Unjoni Ewropea permezz ta' pakketti veloċi u servizzi ta' ġarr. Huma akkumpanjati minn struzzjonijiet dwar kif għandha titlesta t-trasformazzjoni tagħhom b'għodod ordinarji.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jiddiskutu l-**kwistjoni ta' armi tan-nar nofshom lesti** u komponenti essenzjali fil-kuntest tal-Kumitat tal-Armi tan-Nar. Se tivvaluta wkoll soluzzjonijiet regolatorji fil-modernizzazzjoni futura tar-**Regolament (UE) Nru 258/2012 li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri ta' importazzjoni u tranżitu għall-armi tan-nar**[27].

3.3. Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar

Il-pass Ewropew tal-armi tan-nar, maħruġ fuq talba mill-Istati Membri lis-sidien legali ta' armi tan-nar, jippermetti lill-kaċċaturi u lir-re-enactors storiċi (għal armi tan-nar tal-kategorija C), u dilettanti tal-isparar (għall-kategorija A, B jew C), li jivvjaġġaw bl-arma tagħhom minn żewġ Stati Membri jew aktar mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel. Meta Stat Membru jkun informa lill-Istati Membri l-oħra li l-pussess ta' ċerti armi tan-nar huwa pprojbit jew soġġett għal awtorizzazzjoni, dikjarazzjonijiet f'dan is-sens għandhom jiżdiedu mal-pass Ewropew tal-armi tan-nar.

Matul l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar fl-2014,[28] l-implimentazzjoni tal-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar ġiet ivvalutata bħala pożittiva mill-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet, peress li tnaqqas il-piż burokratiku u ekonomiku għall-utenti, speċjalment għall-kaċċaturi, għad-dilettanti tal-isparar u għall-parteċipanti f'avvenimenti storiċi ta' riproduzzjoni.

Wara r-reviżjoni tad-Direttiva fl-2017, matul il-konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kumitat tal-Armi tan-Nar u fl-ilmenti li rċeviet il-Kummissjoni, il-partijiet ikkonċernati qajmu diversi kwistjonijiet:

- il-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar ma jidhirx li huwa rikonoxxut bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha, li xi drabi jeħtieġu awtorizzazzjonijiet addizzjonali minn qabel biex jippermettu l-movimenti tal-armi tan-nar;
- l-ikkontrollar tal-movimenti bil-pass jista' jkun aktar diffiċli milli għal trasferimenti permanenti - għaldaqstant hemm riskju ta' abbużi minn persuni li jużaw b'mod

---

25 Sors: Technopolis Consulting Group Belgium, Study on the Evaluation on the Firearms Directive, Diċembru 2014, Anness. https://ec.europa.eu/docsroom/documents/8385?locale=en

26 Bulettin EMPACT numru 6. Settembru 2018. RISTRETT.

27 Sors:https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12855-Armi-tan-nar-riezami-tar-regoli-tal-esportazzjoni-u-l-importazzjoni-u-mizuri-ta%E2%80%99-tranzitu_mt

28 *Study on the Evaluation on the Firearms Directive,* op. cit.

illeċitu l-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar meta' jiċċaqilqu b'mod permanenti lejn pajjiż ieħor;
- hemm il-ħtieġa li tiġi armonizzata l-lista ta' oġġetti li għandhom jissemmew fil-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar minħabba differenzi fil-klassifikazzjoni tal-armi tan-nar jew tal-komponenti tagħhom minn Stat Membru għal ieħor.

Dawk l-aspetti spiss jirriżultaw fin-nuqqas jew l-inkompletezza tad-dikjarazzjonijiet meħtieġa dwar il-pass. L-iżvilupp mill-Kummissjoni ta' **Tabella ta' Referenza tal-UE dwar l-Armi tan-Nar**, kif imħabbar fil-Pjan ta' azzjoni 2020-2025 tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar, se jgħin biex tingħieb aktar ċarezza f'din il-kwistjoni. Trid tiġi vvalutata wkoll il-ħtieġa għal Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar kompletament diġitalizzat, biex jiġu żgurati skambji aħjar ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

3.4. Traċċar tal-armi tan-nar

3.4.1. Skambju elettroniku ta' informazzjoni dwar it-trasferiment tal-armi tan-nar

B'mod parallel mar-Regolament Delegat (UE) 2019/686 dwar l-iskambju ta' informazzjoni relatata mat-trasferiment tal-armi tan-nar (ara l-punt 3 ta' dan ir-rapport), il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/689 dwar proġett pilota biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern[29], biex b'hekk tinħoloq bażi ġuridika temporanja għall-użu ta' din is-sistema.

Il-Kummissjoni tinnota li l-firxa tas-setgħat delegati tagħha ffukat biss fuq skambji ta' informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet ta' trasferiment. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx teżiġi li l-Istati Membri ta' residenza tax-xerrej itellgħu l-awtorizzazzjonijiet għall-akkwist tal-armi tan-nar fis-sistema. Lanqas ma tista' tirrikjedi li l-awtoritajiet kollha li joħorġu awtorizzazzjonijiet ta' trasferiment ikollhom konnessjoni diretta mas-sistema. Iż-żewġ kwistjonijiet fixklu l-iskambji effettivi ta' informazzjoni.

Għalhekk jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tal-ħolqien ta' bażi ġuridika espliċita għall-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern fid-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar innifisha u li jiġu ċċarati aktar ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali.

3.4.2. Markar

L-immarkar xieraq tal-armi tan-nar iżid it-traċċabbiltà tagħhom u dik tal-komponenti essenzjali tagħhom. Għal dak il-għan, id-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/68

[29] Is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012. Hija applikazzjoni ta' softwer li hija aċċessibbli permezz tal-internet u li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' skambju ta' informazzjoni fl-atti tal-Unjoni billi tipprovdi mekkaniżmu ta' komunikazzjoni ċentralizzat biex jiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni u assistenza reċiproka.

dwar l-immarkar tistabbilixxi daqs minimu tat-tipa, metodu komuni ta' mmarkar fuq materjali mhux metalliċi, u tistabbilixxi t-tipi ta' alfabett u sistema numerika użati fl-immarkar.

Qabel l-adozzjoni tad-Direttiva ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni indikat li l-kwistjoni tal-profondità tal-immarkar se tiġi vvalutata fi żmien sena wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tagħha, bil-ħsieb li tintroduċi rekwiżit dwar dan l-aspett fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni jekk ikun xieraq.

Ma kien hemm l-ebda kunsens fost l-Istati Membri dwar il-fond minimu, li jvarja minn 0,02 mm sa 0,08 mm, l-aktar għal raġunijiet kummerċjali. La d-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar u lanqas id-Direttiva ta' Implimentazzjoni dwar l-immarkar ma jipprevedu teknoloġija ta' mmarkar speċifika. Għalhekk, it-teknoloġiji kollha li jiżguraw li l-immarkar ikun "ċar, permanenti u uniku" (eż. inċiżjoni mekkanika, inċiżjoni bil-laser jew ittimbrar) jistgħu jkunu kompatibbli mad-Direttiva.

Approċċ komuni tal-UE jiżgura li l-immarkar imħassar ikun jista' jiġi rkuprat u li ma jitpoġġa l-ebda ostaklu tekniku mhux ġustifikat għall-kummerċ legali tal-arma tan-nar bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għalhekk se toqgħod fuq rapporti tekniċi ta' dipartimenti ballistiċi u stabbilimenti ta' verifika nazzjonali, u tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-għażliet differenti. Id-diskussjonijiet se jkomplu fil-Kumitat tal-Armi tan-Nar, bil-ħsieb li jiġi vvalutat l-impatt tal-aġġornament tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/68.

3.4.3. Teknoloġija biex jittejbu t-traċċar, is-sikurezza u s-sigurtà tal-akkwist u l-pussess tal-armi.

Il-kodiċijiet QR (Quick-Response) huma tip ta' barcode bidimensjonali li kapaċi jaħżen l-informazzjoni f'immarkar ottiku li jinqara mill-magni. Il-kodiċijiet QR jippermettu l-ġbir ta' għadd usa' ta' *data* meta mqabbel mal-barcodes unidimensjonali.

Il-kost tal-kodiċijiet QR huwa relattivament baxx. Bħalissa, dawn huma prinċipalment applikati fuq armi tan-nar għal skopijiet ta' inventarju, b'mod partikolari fuq stikers stil QR[30].

Il-kodiċijiet Matriċi tad-*Data*, bħall-kodiċijiet QR, huma komposti minn moduli suwed u bojod ordnati f'forma ta' mudell kwadru.

Dawn jipprovdu numru tas-serje uniku u l-identifikazzjoni tal-manifattur. Meta ssir ħsara lill-kodiċi, id-data tal-kodiċijiet tal-Matriċi tad-Data tkun tista' tiġi restawrata aktar mid-data tal-kodiċijiet QR[31]. Il-Matriċi tad-*Data* hija identifikata bħala l-aħjar biex taħżen l-informazzjoni fi spazji żgħar ħafna[32].

Sal-lum, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda għarfien dwar l-Istati Membri li qed jużaw il-kodiċijiet QR u/jew il-kodiċijiet tal-Matriċi tad-*Data* biex jimmonitorjaw u jittraċċaw l-armi tan-nar.

---

30 Sors: https://www.smallarmssurvey.org/sites/default/files/resources/SAS-HB-06-Weapons-ID-ch3.pdf

31 Sors: https://blog.matthews.com.au/datamatrix-and-qr-codes-why-2d-codes-are-still-relevant-in-2016/

32 Sors: https://www.camcode.com/asset-tags/barcodes-data-matrix-vs-qr-codes/

It-tħassib dwar is-sigurtà jista' jirrappreżenta ostaklu għall-adozzjoni tal-kodiċijiet QR fis-suq tal-armi tan-nar peress li dawn jistgħu jiġu hacked u jippermettu l-infezzjoni tal-apparat tal-qari u n-netwerks. Għalhekk, dawn is-sistemi mhux dejjem jiġġeneraw fiduċja kemm mill-perspettiva tad-ditti kif ukoll tal-konsumaturi.

Barra minn hekk, peress li l-kodiċi QR mhuwiex direttament leġġibbli u l-informazzjoni ma tistax tiġi estratta mingħajr apparat tal-qari, jistgħu jitqajmu mistoqsijiet dwar il-prattikabbiltà ta' din it-teknoloġija għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jissekwestraw l-armi tan-nar (il-pulizija, id-dwana, il-gwardji tal-fruntieri, eċċ.).

L-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID, Radio Frequency identification) tidher bħala alternattiva għat-traċċar tal-armi tan-nar jew bħala rinforz għall-immarkar klassiku. L-RFID tippermetti t-trasferiment tad-*data* biex b'mod awtomatiku jiġu identifikati u traċċati t-tikketti mehmuża mal-oġġetti. Din it-teknoloġija tistabbilixxi relazzjoni bejn arma tan-nar u oġġett li jattivaha meta jkun qrib tagħha.

Xi testijiet dehru li juru li l-użu ta' tikketti żgħar tal-RIFD bi prezz baxx fuq il-metall huwa wkoll funzjonali għat-traċċar tal-armi tan-nar[33]. Barra minn hekk, it-teknoloġija RFID flimkien ma' softwer speċifiku jistgħu jittraċċaw il-pożizzjoni tal-armi tan-nar, ir-rekords tal-manutenzjoni tal-armi tan-nar u jimmonitorjaw il-bidliet fil-kustodja tal-arma tan-nar[34].

Hemm tħassib relatat mal-użu ta' din it-teknoloġija, peress li din tista' tintuża biex tinġabar informazzjoni li hija marbuta direttament jew indirettament ma' persuna identifikabbli jew identifikata[35]. Riskju ieħor huwa li s-sistema titqies bħala hackable.

Fis-sitwazzjoni preżenti, din it-teknoloġija mhijiex ikkunsidrata sikura biżżejjed biex tiġi introdotta fil-livell tal-UE.

Bħalissa hemm **possibbiltajiet oħra** biex titjieb it-traċċabilità tal-armi, bħall-użu ta' mmarkar diskret jew inviżibbli b'linka speċjali. L-użu ta' linka sigura ġie ppruvat għat-traċċabbiltà tal-karti tal-flus[36] u din it-teknoloġija tintuża fuq oġġetti metalliċi (bħal oġġetti għall-konsumatur ippakkjati)[37] u fuq materjali mhux tal-metall mill-kumpaniji farmaċewtiċi.[38] Din it-teknika tista' tkun effettiva wkoll fil-komponenti metalliċi u mhux metalliċi tal-armi tan-nar. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja dawn it-tekniki fil-Kumitat tal-Armi tan-Nar.

---

33 Sors:https://www.conflictarm.com/technical/developing-rfid-solutions-in-support-of-stockpile-management-and-postdiversion-tracing/

34 Sors: *Using RFID to Help Track Guns for Firearm Wholesalers and Distributors*. Ippubblikat fl-2013.https://www.rfidworld.ca/rfid-to-help-track-guns-by-firearm-wholesalers-and-distributors/1365

35 Ibid.

36 Sors:https://www.ecb.europa.eu/euro/banknotes/ink-stained/html/index.mt.html

37 Sors: https://www.reiner.de/index.php?UV-ink-with-handheld-inkjet-printer, https://www.sicpa.com/sicpa-history

38 https://www.pharmtech.com/view/securing-the-pharmaceutical-supply-chain-with-full-traceability; https://www.pharmaceuticalprocessingworld.com/dna-marker-for-pharma-ink-ensures-traceability/

4. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ ’IL QUDDIEM.

Il-partijiet ikkonċernati kollha jaqblu li d-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar kienet strumentali fl-indirizzar tat-theddid ewlieni identifikat fir-rapporti tal-Istati Membri (prinċipalment fil-qafas tal-pjattaforma tal-Armi tan-Nar)[39], il-Proġett ta’ analiżi ta’ armi u splussivi tal-EUROPOL u l-Valutazzjoni ta’ Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-UE ppreżentata mill-EUROPOL fl-2017 u l-2021, inkluż l-użu ta’ armi awtomatiċi, l-attivazzjoni mill-ġdid ta’ armi tan-nar diżattivati, il-konverżjoni ta’ armi tas-salut u akustiċi u l-armi tal-allarm u tas-sinjal.

Il-Kummissjoni tinnota li d-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar tejbet il-kategoriji tal-armi tan-nar, it-traċċabbiltà tagħhom, l-iskambji ta’ informazzjoni u l-proċeduri amministrattivi. F’dan l-istadju, 10 Stati Membri biss ittrasponew bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet analizzati f’dan ir-rapport u li jirrappreżentaw il-bidliet ewlenin introdotti mid-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar fl-2017 u ż-żewġ Direttivi ta’ Implimentazzjoni. Lil hinn min-notifika tat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni qed tivvaluta wkoll il-konformità tal-liġijiet nazzjonali mad-Direttiva u diġà identifikat każijiet ta’ traspożizzjoni inkorretta f’diversi Stati Membri. Dan jimplika li l-benefiċċji tad-Direttiva ma jistgħux jiġu sfruttati bis-sħiħ. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar, billi twieġeb għat-talbiet għal kjarifiki, u torganizza sessjonijiet ta’ ħidma dwar it-traspożizzjoni fil-Kumitat tal-Armi tan-Nar, inklużi laqgħat tekniċi ma’ Stati Membri speċifiċi jekk ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni se żżid ukoll il-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri, u se tagħmel użu sħiħ mis-setgħat mogħtija lilha mit-Trattat kull meta jkun meħtieġ. Notevolment se tagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjoni ta’ armi tan-nar li jisparaw munizzjon ta’ kalibru żgħir “Flobert” u għall-użu u r-rikonoxximent korretti tal-Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar.

Barra minn hekk, l-analiżi mwettqa f’dan ir-rapport turi li hemm lok għal aktar progress fil-kontroll legali tal-akkwist, il-pussess u l-movimenti ta’ armi ċivili. L-opzjonijiet li għandhom jiġu esplorati biex jiġi garantit kontroll, jistgħu jinkludu:

- tkun iċċarata d-distinzjoni bejn armi tan-nar ipprojbiti u armi tan-nar soġġetti għal awtorizzazzjoni;
- jiġi żgurat li l-armi kollha li jistgħu jiġu kkonvertiti biex jisparaw projettili anke b’għodod u għarfien speċjalizzati jkunu tal-anqas soġġetti għal dikjarazzjoni;
- ikun ipprovdut Pass Ewropew tal-Armi tan-Nar kompletament diġitalizzat;
- l-armi tan-nar kollha li ġew ikkonvertiti u mmodifikati legalment jinżammu fil-kategorija oriġinali tagħhom;
- ir-regoli dwar l-armi tan-nar antiki jkunu armonizzati;
- ikunu projbiti l-akkwist, il-pubbliċità u l-pussess ta’ blueprints għall-istampar 3D ta’ armi minn negozjanti tal-armi mhux awtorizzati,
- tkun provduta bażi legali espliċita għall-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern fid-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar;

[39] It-traffikar tal-armi tan-nar huwa prijorità għall-Istati Membri mill-2014 fil-qafas tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats)

- jiġu ċċarati aktar ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali fl-iskambji ta' informazzjoni;
- tiġi definita profondità minima għall-immarkar tal-armi tan-nar u tal-komponenti essenzjali.

Il-Kummissjoni għalhekk se tagħmel valutazzjoni tal-impatt dwar il-potenzjal għall-modifiki għad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll timmonitorja direttament u permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE l-iżviluppi teknoloġiċi u l-aġġornamenti tas-suq biex jitjiebu t-traċċabbiltà u l-kontroll tal-ħażniet tal-armi tan-nar, bl-użu ta' teknoloġiji differenti applikabbli għal setturi industrijali oħra.

Dawn l-azzjonijiet ewlenin se jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objettivi tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar: biex jippermettu l-moviment transfruntier tal-armi tan-nar filwaqt li jżommu livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni kontra atti kriminali u t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar.